**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 75**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

| | | |
|---|---|---|
| ** | **PREŻENTI:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

******* **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

75.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

75.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

**75.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 74**

75.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 74 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 74

**75.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

75.3.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**75.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

75.4.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pjanti tal-proġett propost ta' Triq It-Tabija imħejjija mill-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Huwa informa l-laqgħa li tali proġett kien ser isir mill-Gvern Ċentrali. Proġett propost ta' Triq it-Tabija

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fis-7.35 ta' filgħaxija.

**75.5 *Quarterly Financial Statements* (Ottubru – Diċembru)**

75.5.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu ta' Ottubru – Diċembru 2017. *Quarterly Financial Statements* (Ottubru – Diċembru)

75.5.2 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Financial Repor*t jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Financial Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-7.45 ta' filgħaxija.

**75.6 *Budget* 2018**

75.6.1 Is-Sindku ppreżenta l-abozz tal-Estimi Annwali 2018 u wara diskussjoni li saret huwa ppropona li l-abozz jiġi approvat kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija *Budget* 2018

Estimi Annwali 2018 tinsab annessa ma’ dawn il-minuti.

**75.7 Proċess tal-għażla għall-impjegat/a fi skala 13**

75.7.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-impjegat/a fi skala 13.

Proċess tal-għażla għall-impjegat/a fi skala 13

Il-Kunsillier Nazju Cassar ipproponа li tingħażel is-Sinjura Fabienne Vassallo, hekk kif ġie rakkomandat mill-Bord tal-Għażla. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

75.7.2 B’konsegwenza tad-deċizjoni meħuda inħolqot vakanza għall-impjegat/a fi skala 15. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li jiskatta l-proċess minnufih biex tiġi ingaġġata persuna fi skala 15. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Vakanza għall-impjegat/a fi skala 15

Is-Sindku ppropona li jinħatar Bord tal-Għażla għal din il-vakanza. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-Bord ikun kompost mis-Sindku Charles Azzopardi, mill-Kunsillier Ian Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna. Orietta Cardona. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.8 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati**

75.8.1 Is-Sindku kkwota dak li kiteb fil-*performance appraisal form* tas-Segretarju Eżekuttiv fejn faħħar il-ħidma tagħha. Huwa ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-*performance bonus,* dak ta’ 10%. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati

75.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kienet mistoqsiha dwar il-*performance* tal-impjegati u wieġbet li hija kienet iltaqgħet mal-impjegati u flimkien magħhom iddiskutiet il-pożittiv u n-negattiv tal-*performance* tagħhom. Hija sostniet li minkejja li xi drabi jkun hemm xi nuqqasijiet, l-aspetti pożittivi jiżbqu bil-bosta n-negattiv li wieħed jista’ jkollu. Għal dan il-għan hija kienet qiegħda tirrakkomanda l-massimu tal-*performance bonus* ta’ 6% lill-impjegati kollha.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.9 Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli**

75.9.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-kuntratt għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli li l-Kunsill kellu mal-kumpanija *Green MT* kien skada u għaldaqstant il-Kunsill kien ħareġ Espressjoni ta’ Interess liż-żewġ kumpaniji reġistrati mal-MEPA, il-*Green Pak* u l-*Green MT* sabiex jitfgħu l-proposti tagħhom. Huwa qal li l-Kunsill kien irċieva

Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli

proposta waħda biss, dik tal-kumpanija *Green MT*.

Wara diskussjoni li saret fejn ġiet evalwata l-unika proposta mitfugħa, is-Sindku ppropona li tingħażel il-proposta tal-kumpanija *Green MT.* Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.10 Ħruġ ta' permessi skond il-leġislazzjoni sussidjarja 441.04**

75.10.1 Wara diskussjoni li saret dwar permessi għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet maħruġa mill-Kunsill, il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ippropona li tali applikazzjonijiet jittellgħu għall-attenzjoni u deċiżjoni tal-Kunsill apparti dawk relatati mal-festi reliġjużi. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ ta' permessi skont il-leġislazzjoni sussidjarja 441.04

**75.11 Applikazzjoni PA/09496/17**

75.11.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni PA/09497/17 – *Proposed extention of outdoor catering area on public open space comprising of tables, chairs and demoutable platform* quddiem 70, *Rising Sun*, Triq San Pawl, Ir-Rabat.

Applikazzjoni PA/09496/17

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal tali applikazzjoni. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.12 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u toroq pedonali – RLC/T/0164/18**

75.12.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u toroq pedonali, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u toroq pedonali – RLC/T/0164/18

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sna Janice Dingli

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.13 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u toroq pedonali – RLC/T/0164/18**

75.13.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali,, is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u toroq pedonali, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u

toroq ta' aċċess biss u toroq pedonali – RLC/T/0164/18

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sur Kenneth Brincat
Evalwatur *PO/ES (Accountant* kwalifikat*)* – Is-Sur Paul Bugeja
Evalwatur *PO/ES (*Kwalifikat fi professjoni legali*)* – Dr. Mark Fenech Vella
Evalwatur *PO/ES (*Persuna teknika fis-suġġett*)* – Perit Daniel Cordina
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sna Orietta Cardona

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.14 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-Provvista ta' servizzi għaż-żamma tal-kotba finanzjarji – RLC/T/0165/18**

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-8.50 ta' filgħaxija.

75.14.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għall-provvista ta' servizzi għaż-żamma tal-kotba finanzjarji, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-Provvista ta' servizzi għaż-żamma tal-kotba finanzjarji – RLC/T/0165/18

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sna Janice Dingli

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.15 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għall-Provvista ta' servizzi għaż-żamma tal-kotba finanzjarji – RLC/T/0165/18**

75.15.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement)* mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għall-provvista ta' servizzi għaż-żamma tal-kotba finanzjarji, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għall-Provvista ta' servizzi għaż-żamma tal-kotba finanzjarji – RLC/T/0165/18

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sur Kenneth Brincat
Evalwatur *PO/ES (Accountant* kwalifikat*)* – Is-Sur Paul Mifsud
Evalwatur *PO/ES (*Kwalifikat fi professjoni legali*)* – Dr. Mark Fenech Vella
Evalwatur *PO/ES (*Persuna teknika fis-suġġett*)* – Is-Sur Chris Falzon
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sna Orietta Cardona

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.16 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-Servizzi professjonali ta' konsulent legali – RLC/T/0166/18**

75.16.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamneti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għall-servizzi professjonali ta' konsulent legali, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għal Servizzi professjonali ta' konsulent legali –

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sna Janice Dingli

RLC/T/0166/18

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.17 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għal Servizzi professjonali ta' konsulent legali – RLC/T/0166/18**

75.17.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (Procurement) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għal servizzi professjonali ta' konsulent legali, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għal Servizzi professjonali ta' konsulent legali – RLC/T/0166/18

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sur Kenneth Brincat
Evalwatur *PO/ES (Accountant* kwalifikat*)* – Is-Sur Paul Bugeja
Evalwatur *PO/ES (*Kwalifikat fi professjoni legali*)* – Dr. Mark Fenech Vella
Evalwatur *PO/ES (*Persuna teknika fis-suġġett*)* – Is-Sur Chris Falzon
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sna Orietta Cardona

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.18 Talba sabiex issir manutenzjoni ta' Sqaq 1, Triq Ħad-Dingli**

75.18.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1374/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex issir manutenzjoni ta' Sqaq 1, Triq Ħad-Dingli.

Talba sabiex issir manutenzjoni ta' Sqaq 1, Triq Ħad-Dingli

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li nitolbu lill-perit tal-Kunsill sabiex iħejji stima tal-ispejjeż involuti. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.19 Talba mingħand 'Transport Malta' dwar it-*Trackless Train***

75.19.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0036/18,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba minn 'Transport Malta' sabiex l-i*standing point* tat-*trackless train* titneħħa minn ħdejn il-Domus Rumana u titpoġġa fi Triq il-Mużew.

Talba mingħand 'Transport Malta' dwar it-*Trackless Train*

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona tali talba ma tiġix milqugħa. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**75.20 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

75.20.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 277 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 277

**75.21 Tiġdid tal-iskema tas-saħħa 2018**

75.21.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded l-iskema tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2018. Il-*premium* għal kull persuna nxurjata huwa ta' €48.70. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro issekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-iskema tas-saħħa 2018

**75.22 Mozzjoni 0001/18 – 'Mozzjoni sabiex jiġu installati bankijiet ġodda fis-saqqajja'**

75.22.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0001/18 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0001/18– 'Mozzjoni sabiex jiġu installati bankijiet ġodda fis-saqqajja'

**75.23 Mozzjoni 0002/18 – 'Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames bozoz li jmiss fuq ir-registru ta' bozoz approvati'**

75.23.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0002/18 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0002/18 – 'Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames bozoz li jmiss fuq ir-registru ta' bozoz approvati'

**75.24 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

75.24.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Frar 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

75.24.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ............ ta'.......................... 2018

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |